**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 657/2022**

***REPUBBLIKA***

***VS.***

***L-AVUKAT ĠENERALI***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet dwar rikors imressaq minn Antoniella Jane Gauċi fl-**24 ta' Novembru, 2022** sabiex hija titħalla tintervjeni f'din il-kawża;

2. Hija tisħaq li għandha jedd tintervjeni f'din il-kawża peress li għandha interess ġuridiku li tiddefendi d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni kontra tagħha;

3. Skont l-**artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, persuna għandha titħalla tidħol *in statu et terminis* bħala f'parti f'kawża, jekk kemm-il darba din iseħħilha turi b'sodisfazzjoni tal-qorti li hija għandha interess fil-kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li l-interess li jrid jiġi muri għandu jkun wieħed ġuridiku (ara ***Markus Wurglitsch v. Interwetten Gaming Limited***, Appell Superjuri tas-26 ta' Ottubru, 2022). B'interess ġuridiku wieħed jifhem interess li jkun imżewweġ ma' dritt li joħroġ mil-liġi (ara ***Tarcisio Rapa et v. Winston Montanaro Gauċi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016);

4. Fil-każ tagħna, l-interess li Antoniella Jane Gauċi tgħid li għandha biex tintervjeni f'din il-kawża mhuwiex imnissel minn jedd li joħroġ mil-liġi. Imkien m'hemm miktub fl-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li persuna fil-qagħda bħal Antoniella Jane Gauċi għandha xi jedd li tkun parti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li titressaq kontra deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma jissoktax bil-prosekuzzjoni;

5. Dan mhux mingħajr raġuni;

6. Bħala daħla tajjeb illi jingħad, li l-Pulizija u l-Avukat Ġenerali qabel jiddeċiedu li jibdew prosekuzzjoni kontra xi ħadd, m'għandhomx obbligu fil-liġi li jiksbu l-permess ta' dik il-persuna li tkun qed tiġi investigata. Il-jedd tal-prosekuzzjoni kriminali huwa jedd li bil-liġi huwa mogħti u fdat lill-Pulizija jew lill-Avukat Ġenerali u mhux lill-persuna investigata. Persuna investigata għalhekk m'għandha l-ebda jedd fil-liġi li żżomm lill-Pulizija jew lill-Avukat Ġenerali milli dawn jieħdu passi kriminali kontra tagħha. Hekk ukoll, persuna investigata m'għandhiex jedd li tagħżel hi b'liema akkużi għandha tiġi mixlija għaliex dik l-għażla tmiss leġittimament lill-prosekuzzjoni biss (ara ***Anthony Buġeja v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 2014);

7. Il-jedd li għandha persuna investigata huwa, li jekk din tiġi mixlija b'reat: (i) hija għandha tkun taf biex inhi mixlija; (ii) għandha tkun taf bil-provi li hemm kontriha; u (iii) għandha jkollha opportunità u assistenza legali biex tiddefendi ruħha kontra dik l-akkuża;

8. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa wkoll li d-deċiżjoni li tinbeda prosekuzzjoni mhijiex kundanna, u l-akkużat jibqa' jitqies innoċenti ta' dak li bih ġie mixli, ikunu xi jkunu l-akkużi, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-ħtija jew innoċenza tiegħu;

9. Ifisser għalhekk li persuna fil-qagħda ta' Antoniella Jane Gauċi m'għandhiex jedd bil-liġi li tindaħal fid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali dwar jekk għandhiex isir prosekuzzjoni kontra tagħha jew le;

10. Dan l-istess prinċipju jgħodd ukoll meta parti mweġġa', bħalma qiegħda tallega li hi Repubblika, ma tkunx qiegħda taqbel ma' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tissoktax prosekuzzjoni kontra xi ħadd, u titlob li dik id-deċiżjoni tiġi mistħarrġa mill-qorti taħt l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

11. Parti li tħossha mweġġa' minħabba l-allegat twettiq ta' reat għandha l-jedd bil-liġi li titlob li jittieħdu passi kriminali kontra dik il-persuna li allegatament tkun għamlitilha l-ħsara. Dik il-parti mweġġa' għandha l-jedd ukoll bil-liġi skont l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jekk l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li m'hemmx bażi ta' prosekuzzjoni, allura biex dik il-parti mweġġa' tkun tista' sserraħ moħħha li l-Avukat Ġenerali tabilħaqq ikun uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod xieraq u mhux b'mod abbużiv, traskurat jew superfiċjali, hija ngħatalha l-jedd mil-leġislatur li titlob lill-qorti biex tistħarreġ jekk dik id-diskrezzjoni mwettqa mill-Avukat Ġenerali ġietx eżerċitata b'mod legali u raġonevoli;

12. Fi proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju bħal dawn, tnejn biss huma l-partijiet: (i) il-parti mweġġa' li tkun qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma jmexxix kriminalment; u (ii) l-Avukat Ġenerali li jkun qiegħed jiġi kkontestat dwar id-deċiżjoni tiegħu. F'dan is-sens il-persuna mistħarrġa hija biss l-Avukat Ġenerali, li jrid jiġġustifika għaliex iddeċieda li ma jmexxix kriminalment;

13. L-istħarriġ riżervat lill-qorti f'azzjoni mibdija taħt l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mhuwiex dak li tara jekk Antoniella Jane Gauċi hijiex ħatja ta' xi reat, iżda dak li tara jekk id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma jimxix bil-prosekuzzjoni kinitx imsejsa fuq il-liġi jew fuq konsiderazzjonijet raġonevoli;

14. Kif imtenni aktar qabel, Antoniella Jane Gauċi ma tidħolx f'dan id-dibattitu dwar jekk għandux ikun hemm prosekuzzjoni kontra tagħha jew le. Hija m'għandhiex jedd tindaħal lill-Avukat Ġenerali dwar jekk għandux isir prosekuzzjoni jew le; bħalma lanqas m'għandha jedd li tindaħal fl-azzjoni mibdija minn Repubblika fejn hi qed

titlob lil din il-qorti biex tgħarbel jekk l-Avukat Ġenerali kienx legalment u raġonevolment siewi fid-deċiżjoni tiegħu li ma ssirx prosekuzzjoni;

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tqis li Antoniella Jane Gauċi ma seħħilhiex tikkonvinċi lil din il-qorti li hija għandha interess biex titħalla tindaħal f'din il-kawża skont l-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minħabba f'hekk ir-rikors tagħha tal-24 ta' Novembru, 2022 qiegħed jiġi miċħud.**

**L-ispejjeż marbuta ma' dan ir-rikors għandhom jitħallsu minn Antoniella Jane Gauċi.**

**Fl-aħħar nett, il-qorti tordna li dan id-digriet tal-lum għandu jiġi notifikat b'mod elettroniku lill-avukati Roberto Montalto, Jason Azzopardi, Eve Borġ Costanzi, Chris Soler u Fiorella Fenech Vella. Dan id-digriet jista' wkoll ikun aċċessibbli għall-pubbliku, billi ma fih l-ebda tagħrif li jista' jxellef xi vot ta' kunfidenzjalità li seta' ntrabat bih il-Gvern Malti.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru, 2022.**

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**